# Stqarrija

## FKNK tipprova tivvalida l-insib tal-għasafar tal-għana billi titlob iċ-ċrieket xjentifiċi tal-iskema tar-Ringing ta' BLM

Wara tentattivi kontinwi mill-FKNK biex tiskredita lil BirdLife Malta u l-iskema tagħha tal-bird ringing, BirdLife Malta tiċħad li qatt irrifjutat kollaborazzjoni ma' bird ringers barranin b'intenzjoni tajba għal riċerka xjentifika ġenwina.

L-Iskema tal-bird ringing ta' BirdLife Malta hija r-rappreżentanta f'Malta tan-netwerk EURING u hija rikonoxxuta ħafna fi ħdan dan in-netwerk għall-parteċipazzjoni għolja u l-professjonalità tagħha. L-iskema tal-bird ringing ta' BirdLife Malta, ikkollaborat kemm ma' bird ringers barranin kif ukoll mal-awtoritajiet lokali, inkluż il-Wild Birds Regulation Unit (WBRU).

Fl-aħħar jiem, ċertu Declan Coney talab lill-iskema tal-bird ringing ta' BirdLife Malta biex tfornih b'600 ċurkett. Din it-talba skattat il-proċess stabbilit ta' verifika, iżda s-Sur Coney qatt ma wieġeb l-aħħar email li ntbagħtet lilu. Kuntrarju għal dak li qed tipprova tinsinwa l-FKNK, BirdLife Malta lanqas biss waslet sal-punt li taċċetta jew tirrifjuta t-talba tas-Sur Coney.

"Il-mod dilettantesk kif l-FKNK tħares lejn ix-xjenza ma jippermettilhomx jifhmu li qabel nagħtu ċ-ċrieket li jġibu l-isem ta' BirdLife Malta, irridu nkunu ċerti li l-persuna hija ġenwina u kwalifikata, u li l-proġett huwa xjentifikament validu. L-iskema tal-bird ringing ta' BirdLife Malta fi ħdan EURING hija skema xjentifika kredibbli, u l-FKNK kienet qed tittama li tuża l-iskema biex tipprova

tivvalida l-insib tal-għasafar tal-għana," qal il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife, Mark Sultana.

Ir-ras iebsa tal-Gvern li jibqa' jinsisti bid-deroga għall-insib tal-għasafar tal-għana anke wara li l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja sabet li hija prattika illegali darbtejn, hija biss mod biex ikompli jippermetti l-qbid tal-għasafar tal-għana biex jinżammu f'gaġġa. Ftit huma n-nies li għadhom jemmnu li d-deroga attwali hija b'xi mod waħda xjentifika.

BirdLife Malta mhux se tkun mġiegħla tkun kompliċi f'din l-illegalità u l-ingann bl-intenzjoni li din id-deroga illegali b'xi mod tidher li hi xjentifika. Il-Gvern fetaħ l-istaġun tal-insib bl-iskuża tar-riċerka u BirdLife Malta qed tagħmel l-almu tagħha biex twaqqfu billi tappoġġja u tinsisti mal-Kummissjoni Ewropea biex tieħu azzjoni mmedjata.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Cell: 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org


**Ħoloq utli:**

ECJ ruling puts an end to 'scientific' Finch Trapping
BLM requests EU to immediately suspend finch trapping season
Environment NGOs endorse BirdLife Malta's call to European Commissioner for Environment to uphold rule of law in Malta. | BirdLife Malta

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/